# IT-TIELET SEZZJONI — APPELLI INFERJURI.

---

22 ta' Jannar, 1947.

Imħallef:

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Agostino Azzopardi *versus* Giuseppe Bonnici

**Bejgħ — Aċċettazzjoni tax-Xerrej — Art. 114 u 116 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-kuntratt ta' bejgħ mhux perfett qabel ma jkun hemm l-aċċettazzjoni tax-xerrej. Imma din l-aċċettazzjoni tista' tkun anki taċita, jiġifieri riżultanti minn atti tax-xerrej li jkunu inkompatibili mal-volontà tiegħu li jopponi l-bejgħ.*

*Din l-aċċettazzjoni ma tistax tiġi dedotta mill-fatt illi l-merkanzija tiġi mibgħuta lix-xerrej imma fl-assenza ta' dan tiġi mħollija għand xi persuna oħra jew f'xi post ieħor, u mbagħad huwa jirtira dik il-merkanzija minn għand dik il-persuna jew minn dak il-post u ma jibgħathiex lura lill-venditur, u lanqas jibgħat jaċċetta li ma jridhiex; basta li ma jkunx għamel xi użu minn dik il-merkanzija.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas £7. 6s. 0 prezz ta' kwantità palamit lilu mibjugħa u konsenjata skond il-kont eżibit; bl-ispejjeż:

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq indikata fl-10 ta' Diċembru 1946, fejn ċaħdet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż, wara li kkunsidrat illi għall-bejgħ hemm bżonn il-kunsens taż-żewġ partijiet; illi fil-każ preżenti l-attur ġie jaf per mezz ta' ibnu, xi ħmistax-il ġurnata wara li bagħat il-palamit, illi l-konvenut ma riedux; illi l-fatt li għaddew ħmistax-il ġurnata huwa imputabili għall-appellant, mhux biss għax ma ħalliex ebda dokument biex juri l-provenjenza tal-merkanzija, iżda kien hu li ħalla dak iż-żmien kollu biex mar biex jitħallas; illi għal-

kemm Carmelo Gauci qal lill-appellat illi l-merkanzija ħallieha "dak tas-soltu", iżda b'daqshekk ma jurix illi kien hemm il-perfezzjonament tal-bejgħ;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u ċ-ċitazzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjoni qiegħda kollha mpernjata jekk il-bejgħ kienx jew le perfezzjonat, u għalhekk kienx hemm l-aċċettazzjoni da parti ta' l-appellat. Infatti rriżulta, u fuq dan ma hemmx *kuntrast, illi l-patalott palamit*, mingħajr ma kien rikjest minn għand l-appellat, ġie mibgħut da parti ta' l-appellant lilu, per mezz tat-tifel tiegħu, George Azzopardi, li peress li sab il-ħanut ta' l-appellat magħluq, ħallieh fil-ħanut ta' wieħed ta' ħdejh, ix-xhud *Carmelo Gauci. Dan Gauci tah* lill-appellat u, kif jgħid Gauci, u kif inhu iżjed verosimili, għalkemm ġie negat minn George Azzopardi, Gauci qal lil dan illi dak il-palamit ħallihulu "dak tas-soltu". L-appellat irtirah minn għand Gauci; u meta l-għada reġa' mar George Azzopardi, reġa' sab il-ħanut ta' l-appellat magħluq, u staqsa lill-Gauci li qallu li l-patalott ġie rtirat minn għand l-appellat. Dak George Azzopardi jidher li donnu ddeduċa minn dak il-fatt ta' l-irtir tal-patalott minn għand Gauci, li hemm l-aċċettazzjoni da parti ta' l-appellat, u għalhekk ma marx iżjed għand l-appellat, kif lanqas dan ma bagħtulu lura; u b'hekk l-appellant irid jiddeduċi l-aċċettazzjoni taċita da parti ta' l-appellat, u għalhekk il-formazzjoni ta' l-"in idem placitum consensus" *għall-iskop tal-perfezzjonament tal-bejgħ;*

Tikkunsidra;

Illi għalhekk il-kwistjoni qiegħda kollha mpernjata fil-pont illi (1) kienx jaf jew raġjonevolment kellu jkun jaf l-appellat *min* bagħtulu dak il-patalott; (2) anki jekk kien hekk jaf, u żamm is-silenzju, kienx hemm il-perfezzjonament tal-bejgħ;

Fuq l-ewwel kwistjoni, jidher illi l-appellat kien jaf illi l-palamit kien ġej minn għand Azzopardi; infatti...........;

Tikkunsidra;

Fuq it-tieni kwistjoni; konċess illi l-appellat kien jaf min ħalla dak il-patalott, is-silenzju da parti tiegħu setax iġib l-aċċettazzjoni taċitament. Huwa risaput illi dik l-aċċettazzjoni tista' tkun anki taċita; u kif jgħidu l-Bolaffio, Rocco u Vivante fil-"Il Codice di Commercio Commentato", fil-volum "Della Vendita", no. 45, pag. 71 (Edizione Tartufari e Soprano), dik l-aċċettazzjoni taċita tista' tkun "per virtù di atti o fatti positivi del destinatario sufficienti a manifestare in modo certo ed univoco la reciproca volontà di vendere o di comprare, e però incompatibili con la contraria volontà di opporre un rifiuto". F'dan il-każ l-attijiet li biħom l-attur qiegħed jiġbed dik il-konklużjoni ta' l-aċċettazzjoni ġejjin (1) mill-fatt illi l-appellat irtira minn għand Gauci l-patalott, u (2) mill-fatt li ħalla żmien ta' 15-il ġurnata mingħajr ma bagħtu lura u bagħat jgħid lill-appellant li ma jridux. Però la wieħed u lanqas l-ieħor minn dawk iż-żewġ fatti ma huma talment univoċi li jwasslu għal dik il-konsegwenza;

Infatti, billi huwa sempliċement irtira l-patalott minn għand Gauci mhux vwoldiri li kien qiegħed jaċċettah; Gauci miegħu u f'din il-kuntrattazzjoni ma kellu x'jaqsam xejn; kien il-viċin li, bħala favur, kienu ħallew għandu xi affarijiet anki drabi oħra għall-konvenut, u dan, biex jagħmillu pjaċir, għaddihomlu meta rah; u dan ma kienx sejjer iqiegħed f'dik il-pożizzjoni lil Gauci li jirrifjuta jieħu minn għandu dak il-patalott, għalkemm ma kienx ordnah. Il-fatt l-ieħor, għalkemm huwa iżjed serju, iżda ma jistax neċessarjament iwassal għal dik il-konklużjoni; infatti minn dak il-fatt huwa meħtieġ li toħroġ dik il-konsegwenza, mhux biss, iżda li dak il-fatt ikun inkompatibili "con la contraria volontà di opporre un rifiuto", kif igħidu dawk l-awturi. Issa l-appellat jista' jgħid illi huwa kien qiegħed jistenna lill-attur jew lit-tifel tiegħu jmorru għandu biex jaraw iridx jew le dak il-patalott, peress li huwa lanqas kien jaf, almenu ma jirriżultax, illi t-tifel ta' l-attur kien mar it-tieni darba; u allura kien raġjonevoli li kellu jistenna li l-attur jew it-tifel tiegħu kellhom jerġgħu jmorru għar-risposta tiegħu. Imma anki kieku ma kienx hekk, u l-appellat abbuża u ħalla żmien jgħaddi—ħaġa li qiegħda tingħad ipotetikament—b'dan ma toħroġx il-volontà tiegħu li

jaċċetta, iżda se maj illi jkun abbuża fir-relazzjoni tiegħu ma' l-attur, u jekk għamillu xi dannu għandu jirrispondi għalih. Infatti l-awturi fuq ċitati, fl-istess opera tagħhom fin-numru 47 jgħidu :— "Reciprocamente, allorchè la proposta di vendita sia accompagnata dalla spedizione della merce (il che suol farsi per invogliare il destinatario all'acquisto, offrendogli il modo di esaminarla a suo agio e di vedere se o no gli convenga), la proposta medesima, anche se accompagnata dall'espressa clausola che in mancanza di rifiuto o rinvio della merce si riterrà per accettata (klawsola li ma tidherx f'dan il-każ), non ha virtù di obbligare il destinatario, sia a respingere o rimandare la merce da lui non richiesta, sia a dichiarare in uno od altro senso la propria volontà. E però di regola il semplice fatto dell'avere egli omesso di provvedere a quel rinvio, astenendosi da qualsiasi risposta al proponente, non potrà valere come una tacita accettazione che autorizzi il proponente medesimo a ritenere concluso il contratto";

Tikkunsidra;

Illi għall-kuntrarju, jekk id-destinatarju jkun għamel xi użu mill-merkanzija, allura jkun hemm il-volontà tiegħu li jaċċetta, kif jgħidu l-istess awturi; iżda f'dan il-każ ma ġiex pruvat illi l-appellat għamel użu minn din il-merkanzija lilu mibgħuta;

Tikkunsidra;

Illi ma ġiex lanqas pruvat illi kien hemm xi użu da parti tal-kontendenti li jekk sa ċertu żmien ma jirrifjutax il-merkanzija hemm l-aċċettazzjoni; apparti, kif jgħidu l-istess awturi fuq ċitati, dak l-użu huwiex validu di fronti għall-art. 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, fejn f'każi analogi, f'kuntratti bejn assenti jistabbilixxi meta l-kuntratt huwa perfett, u di fronti għall-art. 116 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li jgħid illi aċċettazzjoni mdewma tgħodd bħala rifjut tal-proposta (ara anki fuq din il-kwistjoni l-istess awturi fin-numru 48 ta' l-opera tagħhom fuq ċitata);

Għalhekk għandha timpera r-regola ġenerali illi għandu jkun hemm l-aċċettazzjoni da parti tad-destinatarju magħrufa mill-proponent, għaliex sa dak il-mument, kif inhu risaput, "la cosa stessa rimarrà, insieme coi suoi rischi, nel pieno e

incontestato dominio del promittente, il quale potrà quindi validamente disporne come d'ogni altra cosa sua (s'intendi salv iż-żmien għall-aċċettazzjoni), sebbene ciò possa indurre in lui, come vedremo, l'obbligo di risarcirne al promissario i danni";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-appell ta' l-attur, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell ma jkunux tax-xati; id-dritt tar-reġistru kontra l-attur appellant.